# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018**

**Numru 2**

**Rikors maħluf numru 710/2016 MCH**

**Pauline *sive* Polly Bonnici in rappreżentanza ta' John *sive* Ġanni Bonnici kif debitament awtorizzata bi prokura datata t-3 ta' Frar 2011 u l-istess Pauline *sive* Polly Bonnici f'isimha proprju għal kull interess li jista' jkollha**

***v.***

**Fr. Marc André Camilleri fil-kwalità tiegħu ta' Kappillan *pro tempore* tal-Parroċċa ta' Raħal Ġdid fl-isem l-istess Parroċċa u Dr Michelle Tabone bħala ekonomu ta' Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof Metropolita ta' Malta**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn żewġ dikrieti – wieħed tat-13 ta' Marzu 2017 u ieħor tal-4 ta' April 2017 – li bihom kienu miċħuda talbiet tal-atturi għal korrezzjonijiet jew tibdiliet fl-*occhio* tal-kawża, u minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' April 2017 li

laqgħet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti ta' nullità tal-preżentata tal-kawża safejn saret f'isem l-attur Ġanni Bonnici.

2. L-atturi fetħu din il-kawża taħt id-disposizzjonijiet tal-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali ["Kap. 488"] għax dehrilhom illi l-konvenuti kienu qegħdin jiksru d-drittijiet tal-attur Ġanni Bonnici fuq xogħol artistiku mħarsa taħt l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur ["Kap. 415"]. Il-kawża nfetħet minn Pauline Bonnici f'isem Ġanni Bonnici "kif debitament awtorizzata bi prokura" kif ukoll f'isimha "għal kull interess li jista' jkollha".

3. Il-konvenuti ressqu eċċezzjoni ta' nullità tal-preżentata tal-kawża safejn saret f'isem l-attur Ġanni Bonniċi. L-eċċezzjoni tgħid hekk:

> »Illi, preliminarjament, il-preżentata ta' din il-kawża, mill-attur Ġanni Bonnici, hija nulla, *stante* illi kemm il-Kodiċi Ċivili, kif ukoll il-Kap. 16 tal-Liġijiet [*sic*], ma jippermettux illi persuna toqgħod fil-ġudizzju u tippreżenta kawżi *tramite* l-mandatarju tagħha, meta dik il-persuna ma tkunx assenti minn Malta u għalhekk għandu jiġi dikjarat u deċiż, illi firrigward tal-istess Ġanni Bonnici, it-talbiet attriċi huma kollha nulli, irriti u inammissibbli u għandhom jiġu kollha respinti.«

4. B'rikors tat-28 ta' Frar 2017 l-attriċi talbet tibdil fl-*occhio* tal-kawża sabiex il-parti attriċi tiġi murija hekk: "John *sive* Ġanni Bonnici (K.I. numru 567032(M) u Pauline *sive* Polly Bonnici f'isimha proprju għal kull interess li jista'" flok kif inhi llum. Din it-talba, li saret taħt l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ġiet miċħuda b'dikriet tat-13 ta' Marzu 2017 (li minnu qiegħed isir appell) "peress illi din it-talba qed tbiddel fis-sustanza l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti kontra dak li jrid l-artikolu 175 tal-Kap. 12".

5. B’rikors ieħor tal-20 ta’ Marzu 2017, wara li nħatret kustodju tal-attur, l-attriċi talbet illi:

> »… … . a bażi tal-principju tal-*jus superveniens* dina l-onorabbili qorti jogħġobha tordna illi l-esponenti tidher fl-okkju tal-kawza bħala l-*guardian* ta’ żewġha Ġanni Bonnici a bażi tal-*guardianship order* datata 14 ta’ Marzu 2017 u konsegwentement l-atti jiġu regolarizzati f’dan is-sens … … …«

6. B’dikriet tal-4 ta’ April 2017, li minnu wkoll qiegħed isir appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Il-qorti rat l-atti u ssib illi l-kwistjoni hi jekk fiż-żmien li saret il-kawża l-attur kienx preżenti f’Malta u jekk kien[x] kapaċi jippreżenta l-kawża f’ismu proprju. Il-preżunzjoni tal-liġi hi l-kapaċità li wieħed jaġixxi f’ismu mhux bil-kontra. Issa qed jintalab li l-okkju jiġi korrett għax martu ġiet appuntata mill-*guardianship Board* biex tassisti lil żewġha.
>
> »Il-qorti tirreferi għall-artikolu 188B(*b*) tal-Kap. 16 li jgħid li kustodju għandu 'jaġixxi minflok il-persuna li tagħha jkun ġie maħtur bħala l-kustodju f’materja ta’ natura personali jew ta’ proprjetà matul dak il-perjodu li fih dik il-persuna hi kunsidrata bħala mhux kapaċi li tesegwixxi xi att wieħed jew aktar tal-ħajja ċivili kif speċifikat fl-ordni dwar il-kustodja'.
>
> »Apparti l-fatt illi fl-ordni ma hemm speċifikat xejn hlief 'assistenza' li fil-fehma tai-qorti ma tekwivalix għal rappreżentanza f’ġudizzju sa-kemm ma tkunx intalbet lill-bord jew ingħatat minnu, il-qorti hi tal-fehma illi l-ordni ta’ assistenza fil-kustodja mogħtija hi b’effett mill-14 ta’ Marzu 2017 u ma tistax tolqot kull att jew azzjoni magħmula minn John Bonnici qabel dik id-data li kif inhu preżunt kellu l-kapaċità iegali li jaġixxi mingħajr assistenza.
>
> »*Di più* l-kwistjoni quddiem din il-qorti mhix ir-rappreżentanza ta’ John Bonnici f’dan l-istadju iżda d-dritt tal-istess John Bonnici li jinizja proċeduri bil-qorti permezz ta’ prokuratur meta kien f’Maita. Il-kwistjoni tal-*ius superveniens* f’dan il-każ hi fil-fehma tal-qorti mhix f’postha billi f’dan il-każ ma hemmx fattur estraneu għall-każ li ikkreja ostakolu u ġie sorvolat fil-mori tal-kawża iżda fattur eżistenti fil-mument li ġiet preżentata l-kawża u li ġabuh volontarjament bħidejhom stess l-istess atturi John Bonnici u r-rikorrenti Pauline Bonnici. L-istitut tal-*ius superveniens* mhux qiegħed hemm biex jissana ripensament ta’ tattika ta’ azzjoni magħmula mill-istess rikorrenti, speċjalment wieħed li sar wara proċedura oħra ittentata mir-rikorrenti biex tbiddel l-okkju tal-kawża fis-sens li l-attur John Bonnici jidher fl-okklu *de proprio* mhux kif rappreżentat minn martu li din il-qorti ċaħdet b’dikriet tat-13 ta’ Marzu 2017.
>
> »Għalhekk il-qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi preżenti fejn qed tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u fil-parametri ta’ dik l-eċċezzjoni, it-talba tar-rikorrenti f’dan i-istadju ma għandhiex tiġi milqugħa. Spejjeż għar-rikorrenti.«

7. Imbagħad, bis-sentenza tal-5 ta' April 2017 li minnha wkoll qiegħed isir dan l-appell l-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni u għalhekk ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju safejn jolqot l-interessi ta' Ġanni Bonnici għal raġunijiet li fissrithom hekk:

>»L-eċċezzjoni tal-konvenuti mertu ta' din is-sentenza tgħid illi l-kawża fejn jikkonċerna l-attur John *sive* Ġanni Bonniċi hi nulla billi l-Kap. 16 ma jippermettix li persuna li toqgħod f'Malta tiġi rappreżentata minn terzi f'ġudizzju.
>
>»Ħarsa lejn l-att promotur jidher illi mart John *sive* Ġanni Bonnici qed tidher u ppreżentat din il-kawża f'isem l-istess John Bonnici bħala mandatarja tiegħu skond prokura annessa.
>
>»Kif qalet il-qorti fil-kawza *Vincent Cuschieri Limited v. Korporazzjoni Enemalta et* (PA 02/02/2017):
>
>>»"Illi l-liġi tfisser il-mandat bħala l-kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha (art. 1856(1) Kap. 16). Il-mandatarju jista', bis-setgħa mogħtija mill-mandant, ikun konvenut f'ismu, f'kawżi illi għandhom x'jaqsmu mal-affari li tidħol fil-mandat (art. 1865(2) Kap. 16), iżda ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, f'isem tal-mandant, anke jekk dan ikun tah dik is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir (art. 1866 Kap. 16)."
>
>»Jidher mill-fatti ppruvati illi John Bonnici kien jinsab f'Malta meta ġiet preżentata l-kawża. Dan jirriżulta mill-*affidavit* tal-istess Pauline Bonnici li tgħid li żewġha kien ma jiflaħx sew meta ġiet preżentata l-kawża u għalhekk ippreżentat il-kawża f'ismu permezz ta' prokura li kellha favoriha mogħtija mir-raġel tagħha. Hi żżid li żewġha kien eżawrit fiżikament u mentalment u mhux f'posizzjoni li jieħu sehem attiv fil-kawża. Apparti dan hi tamministra l-affarijiet '*day to day*' relatati man-negozju ta' żewġha.
>
>»Il-qorti tqis illi l-istat ta' saħħa ta' John Bonniċi jagħti lok għal mezzi proċedurali skond il-liġi tagħna biex martu tkun tista' bl-awtorità tal-qorti jew il-Bord tal-Kuraturi stabbilit mil-liġi tingħata l-jedd li tidher f'isem u tamministra l-ġid ta' żewġha. Dan ma jidhirx li hu l-każ fiż-żmien li saret il-kawża u anqas sallum, kważi sena wara. Xejn ma kien josta li l-kawża ssir f'isem John Bonnici personalment pendenti talba tal-qorti jew tal-Bord tal-Kuraturi biex jinħatru kuraturi jekk l-istess John Bonnici mhux kapaċi mentalment li jagħraf u jifhem dak li qed iseħħ madwaru.
>
>»Il-qorti żżid li l-liġi tagħti permess biss li atti jiġu preżentati minn terzi f'isem ħaddiehor skond artikolu 180(1) tal-Kap. 12 però dan l-artikolu jillimita tali dritt għal preżentata tal-att iżda mhux li jidher fuq att in rappreżentanza tal-parti, meta tali parti tinstab f'Malta.
>
>»*Decide*
>
>»Għalhekk il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni kif preżentata minn Pauline Bonnici f'isem żewġha John *sive* Ġanni Bonniċi kif awtorizzata bi prokura datata 3 ta'

Frar 2011 hi irritwali u kwindi nulla u tillibera lil konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' John *sive* Ġanni Bonnici. Spejjeż għall-atturi.«

8. Fis-7 ta' April 2017 l-atturi b'rikors taħt l-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili talbu li jitħallew jappellaw miż-żewġ dikrieti kif ukoll mis-sentenza. L-ewwel qorti b'dikriet tal-24 ta' April 2017 iddeċidiet hekk:

   »Fl-ewwel lok tiċħad it-talba biex isir appell mid-digriet tat-18 ta' Marzu 2017 billi hu *fuori termine* (art 229(3));

   »Fit-tieni lok tiċħad it-talba għal appell mid-digriet tal-4 t'April, 2017 moqri fil-qorti fil-5 t'April 2017 billi ma tqisx li hu espedjenti jew ġust li jsir hekk.

   »Tastjeni milli tippronunzja ruħha fuq it-talba għal appell mis-sentenza preliminari tal-5 t'April 2017 biili l-artiklu 229 japplika għal digriet, mhux sentenza *in parte*.«

9. Imbagħad b'rikors tal-24 t'April 2017 magħmul minn "Ġanni Bonnici (fil-kwalità tiegħu premessa)" l-attur appella kemm mis-sentenza kif ukoll mid-dikrieti. Il-konvenuti wieġbu fil-11 ta' Mejju 2017.

10. L-aggravji tal-atturi, kemm dwar id-dikrieti u kemm dwar is-sentenza, ġew imfissra hekk:

   »»Degriet tat-13 ta' Marzu 2017

   »L-esponent ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti billi l-korrezzoni mitluba ma kienet bl-ebda mod se taffettwa is-sustanza tal-eċċezzjoni fil-mertu tal-kawża u ma kienet bl-ebda mod se tippreġudika lill-intimati.

   »Illi fir-risposta ġuramentata tagħhom il-konvenuti kienu wieġbu preliminarjament illi l-preżentatata tal-kawża, mill-attur Ġanni Bonnici, hija nulla, *stante* illi kemm il-Kodiċi Ċivili, kif ukoll il-Kap. 16 tal-Liġijiet, ma jippermettux illi persuna toqgħod fil-ġudizzju u tippreżenta kawżi *tramite* l-mandatarju tagħha, meta dik il-persuna ma tkunx assenti minn Malta u għalhekk għandu jiġi dikjarat u deċiż, illi fir-rigward tal-istess Ġanni Bonnici, it-talbiet attriċi huma kollha nulli, irriti u inammissibbli u għandhom jiġu kollha respinti.

   »… … …

   »Illi l-esponent kien talab korrezzjoni fl-okkju tar-rikors ġuramentat … sabiex l-okkju jiġi jaqra hekk:

»"John *sive* Ġanni Bonnici (K.I. numru 567032(M)) u Pauline *sive* Polly Bonnici f'isimha proprju għal kull interess li jista' jkollha"

»Dana *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kap 12 *stante* li dina s-"sostituzzjoni jew tibdil ma tbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża".

»… … …

»L-ewwel Qorti ċahdet it-talba għal dina l-korrezzjoni billi ddeċidiet li "t-talba tbiddel is-sustanza tal-ewwel eċċezzjoni".

»Illi l-esponent ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti u qed jappella minn dana d-degriet billi mhux konformi mal-ġurisprudenza *ormai* paċifika tal-qrati tagħna fir-ruxmata ta' kawżi li ddeċidew kuntrarjament għal dak li ddeċidiet l-ewwel qorti. Illi l-esponent jikkontendi li l-korrezzjoni mitluba ma kinitx tbiddel is-sustanza tal-ewwel eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża u mhux kif qalet l-ewwel qorti fuq il-mertu tas-sustanza tal-ewwel eċċezzjoni. Fil-każ in eżami l-korrezzjoni mhiex ser teffettwa l-mertu tal-kawża u bl-ebda mod l-intimati ma huma ser jiġu preġudikati fis-sustanza tad-difiza tagħhom fil-mertu. Il-kawżi ġeneralment ma jinqatgħux fuq il-proċeduri, imma uq il-mertu tal-każ. Meta l-liġi u l-każistika jesigu illi ma tinbidilx in-natura/sustanza tal-kawża ikunu qed jirreferu għall-mertu sostantiv tal-kawża.

«… … …

»Illi kuntrarjament għal dak sottomess mill-konvenuti l-esponent meta talab il-korrezzjoni ma kien bl-ebda mod qed jammetti li l-att promotur kien null imma kien qed jeżerċita dritt li tagħtih il-liġi biex jikkorreġi żball. Lanqas ma kien b'daqshekk qed juri xi disprezz lejn il-qorti għax għamel użu minn dritt li tagħtih il-liġi.

»… … …

»Illi għalhekk l-ewwel qorti kien messha laqgħet it-talba u awtorizzat il-korrezzoni mitluba billi din ma kienet bl-ebda mod se taffettwa s-sustanza tal-eċċezzjoni fil-mertu tal-kawża u ma kienet bl-ebda mod se tippreġudika lill-intimati.

»Degriet tal-4 t'April 2017

»Illi l-esponent ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti billi ngħatat interpretazzjoni skorretta tas-sinjifikat tal-*guardianship* u ġiet applikata ħażin. *Inoltre* ma kien hemm xejn x'iżomm lill-qorti milli tapplika l-prinċipju tal-*jus superveniens* kif ġie kemm-il darba użat minn dawn il-qrati.

»Permezz ta' rikors tal-20 ta' Marzu 2017 ir-rikorrent kien talab biex Pauline Bonnici tidher fl-okkju tal-kawża bħala l-*guardian* tiegħu wara *guardianship order* maħruġ fl-14 ta' Marzu 2017 u l-atti jiġu regolarizzati f'dan is-sens a bażi tal-*jus superveniens*.

»Fl-4 ta' April 2017 il-qorti ddeċidiet billi qieset li fiċ-ċirkostanzi preżenti fejn qed tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u fil-parametri ta' dik l-eċċezzjoni, it-talba tar-rikorrenti f'dan l-istadju ma għandhiex tiġi milqugħa. Spejjeż għar-rikorrenti.

»Jiġi notat li dana d-degriet ingħata ġurnata qabel ma giet deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fil-5 ta'April 2017 u fid-deċiżjoni tal-4 ta' April 2017 qed jingħad li ċ-ċaħda tar-rikors kienet qiegħda ssir fid-

dawl tad-deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni meta fil-fatt l-eċċezzjoni ma kinitx għadha deċiża. … … …

»L-intimati opponew li jiġi preżentat iċ-ċertifikat tal-guardianship għax qalu li r-rikorrenti kienu għalqu l-provi rigward l-ewwel eċċezzjoni.

»Illi ma hemm xejn fil-liġi li ma tippermettiex parti tippreżenta dokument li ma kienx a disposizzjoni tagħha meta ngħalqu l-provi. Anke meta kawża tkun tħalliet għas-sentenza tista' tintalab is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza għal dak l-iskop. Anke fl-istadju tal-appell jistgħu jiġu preżentati dokumenti ġodda li ma kinux disponibbili fl-ewwel istanza. *Di più* l-ewwel qorti stess qalet li r-rikorrent seta jippreżenta l-kawża f'ismu, imbagħad japplika biex jiġu nominati kuraturi jew *guardian*. Huwa għalhekk tassew ironiku illi wara li saret tali applikazzjoni l-istess qorti rrifjutat illi tammetti l-prova illi turi li twettqet il-proċeduri suġġerita mill-qorti stess. B'żieda ma' dan jingħad illi r-rikorrent, *tramite* martu, kien infurma lill ewwel qorti li kien ser japplika għall-*guardianship* imma sakemm il-kawża tħalliet għas-sentenza huwa ma kienx għadu ottjena ċ-ċertifikat u meta ġabu fil-fatt talab li jiġi eżibit u saret talba biex ir-rikorrenti Pauline Bonnici tidher bhala *guardian* tiegħu. Fi kliem ieħor l-otteniment ta' dan iċ-ċertifikat ma kienx xi sorpriża – la, bir-rispett, għall-qorti u lanqas għall-parti l-oħra.

»Fil-fehma tal-esponent ma kien hemm xejn dijametrikament oppost fir-rikorsi li huwa għamel meta l-ewwel talab għall-korrezzjoni fit-talba biex jidher f'ismu u mbagħad meta ottjena l-*guardianship order* biex martu tidher bhala l-*guardian* tiegħu. Wara kollox dan kien il-mod kif suġġerit mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha, ċjoè li l-kawża ssir f'ismu u mbagħad iġib l-awtorizzazzjoni tal-qorti jew il-*guardianship*. Hu bil-fors kellu jaġixxi b'dak il-mod f'dak l-istadju, kemm għax il-kawża kienet qiegħda għas-sentenza u kien marbut b'terminu qasir kif ukoll għax ma kellux garanzija li l-*guardianship order* kienet ser toħroġ qabel id-data tas-sentenza. Meta mbagħad inħarġet il-*guardianship order* l-esponent talab abbażi tal-prinċipju tal-*jus superveniens* biex l-atti jiġu sanati. Iżda l-ewwel qorti għal darba oħra ċaħditlu t-talba.

»Illi l-ewwel qorti ċaħdet dina t-talba għas-segwenti raġunijiet:

»1. għax it-talba saret wara li ngħalqu l-provi fuq l-ewwel eċċezzjoni meta r-rikorrenti kienet ġà bdiet il-proċeduri tal-*guardianship*;

»2. l-ordni tal-*guardianship* hija '*to assist'* u ma tekwivalix għal poter li tidher f'isem żewġha fi proċeduri ġudizzjarji sakemm ma tkunx intalbet lill-bord jew ingħatat minnu;

»3. l-ordni ta' kustodja hija b'effett mill-14 ta' Marzu u ma tistax tolqot kull att jew azzjoni magħmula minn John Bonnici qabel dik id-data;

«4. il-kwistjoni tal-*jus superveniens* f'dan il-każ mhix f'postha billi f'dan il-każ ma hemmx fattur estraneju għall-każ li jikkreja ostakolu imma fattur eżistenti fil-mument li ġiet preżentata l-kawża u ġabuh volontarjament b'idjehom ir-rikorrenti.

»Illi l-ewwel punt diġà ġie trattat *supra* izda għandu jiġi puntwalizzat li għalkemm l-esponent applika għall-*guardianship* fil-mori ta' dawn il-proċeduri u dana l-ewwel qorti kienet tafu, meta gew dikjarati magħluqa l-provi huwa ma kellux f'idejh l-ordni tal-*guardianship* li ħarġet biss fil- 14 ta' Marzu 2017. Kien biss f'dak l-istadju li huwa seta'

jagħmel it-talba li għamel. Għalhekk l-esponent m'għandux jiġi penalizzat għax l-ordni ħarġet meta ħarġet jew jiġi akkużat b'disprezz tal-qorti mill-intimati. Irid jiġi hawn rilevat ukoll li s-sentenza kienet tħalliet għall-5 ta' April u hu ma kellu ebda garanzija li l-ordni tal-*guardianship* kienet ser toħroġ qabel dik id-data.

»Dwar it-tieni raguni msemmija mill-ewwel qorti jiġi rilevat li skont l-artikolu 188B tal-Kap. 16 il-poter tal-kustodju mhux sempliċement limitat '*to assist'* kif qalet l-ewwel Qorti imma *to act instead of* (ċjoè *to represent*) *the person to whose guardianship he has been appointed in matters of a personal or of a proprietary nature during such time when the said person is considered as not being capable of doing any one or more acts of civil life as specified in the guardianship order.*

»Imkien fil-liġi tal-*guardianship* ma hemm eskluż li *guardian* jidher f'kawża għal persuna taħt il-kustodja tiegħu jew li jrid il-kunsens jew awtorizzazzjoni tal-bord tal-*guardianship* biex jiftaħ kawża. L-uniku każ li ssemmi dik il-liġi fejn irid jintalab permess huwa fl-artikolu 519H(3) tal-Kap. 12 dwar il-*guardianship* fejn igħid li kustodju jrid jitlob il-permess tal-bord fir-rigward ta' kull trasferiment jew imposizzjoni ta' piż fuq proprjetà li tappartjeni lill-persuna soġġetta għall-kustodja. Jiġifieri huwa biss fil-każijiet fejn tkun ser tinbigħ proprjetà li jrid jintalab permess tal-bord.

»… … …

»Finalment l-esponenti jirrileva li bħala *guardian* ta' Ġanni Bonnici, l-esponenti Pauline Bonnici llum il-ġurnata għandha *status* ta' *guardian* u ma setgħetx tiġi eskluża milli tiddaħħal fil-kawża bħala rappreżent-anta legali skond il-liġi ta' zewġha Ġanni Bonnici li llum hu rap-preżentat minn *guardian*.

»It-tielet u raba' punt imsemmi mill-ewwel qorti jirrigward l-applikabilità tal-*jus superveniens* jew le.

»Illi l-esponenti huwa tal-fehma li l-ordni tal-*guardianship* kienet raġuni *in più* (apparti t-talba preċedenti għall-korrezzjoni) biex it-talba għall-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni tiġi milqugħa.

»… … …

»Illi l-esponenti jissottometti illi Pauline Bonnici bħala *guardian* ta' Ġanni Bonnici, jekk ma setgħetx tippreżenta l-kawża bħala prokura-triċi, illum il-ġurnata bħala *guardian* abbażi tal-prinċipju tal-*jus super-veniens* akkwistat id-dritt li tidher minflok Ġanni Bonnici f'din il-kawża u l-att għandu jiġi sanat.

»… … …

»Sentenza 5 ta' April 2017

»Illi l-aggravji fuq dina s-sentenza diġà ġew trattati fir-rigward taż-żewġ talbiet preċedenti tal-attur għall-korrezzjoni li gew miċħuda mill-qorti.

»Illi b'sentenza tal-5 ta' April 2017 l-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni kif preżentata min Pauline Bonnici f'isem zewġha John *sive* Ġanni Bonnici kif awtorizzata bi prokura datata 3 ta' Frar 2011 hi irritwali u kwindi nulla u lliberat lil konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' John *sive* Ġanni Bonnici. Spejjeż għall-atturi.

»Illi l-ewwel qorti waslet għal dina l-konkluzzjoni fuq żewġ konsiderazzjonijiet:

1. il-liġi tagħti permess biss li atti jiġu preżentati minn terzi f'isem ħaddieħor skond artikolu 180(1) tal-Kap. 12 però dan l-artikolu jillimita tali dritt għal preżentata tal-att iżda mhux li jidher fuq att in rappreżentanza tal-parti, meta tali parti tinstab f'Malta;

»2. xejn ma kien josta li l-kawża ssir f'isem John Bonnici personalment pendenti talba tal-qorti jew tal-Bord tal-Kuraturi biex jinħatru kuraturi … … …

»… … …

»Illi kwantu għall-ewwel konsiderazzjoni l-esponenti jirrileva li kien talab il-korrezzjoni tal-rikors ġuramentat appuntu biex l-att ikun jidher fuq ismu u fuq martu Pauline Bonnici. Fil-fehma tal-esponent, kif ġà ġie sottomess *supra*, kellha tintlaqa' dina l-korrezzjoni billi ma kinitx taffettwa s-sustanza tal-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża.

»Illi dwar it-tieni konsiderazzjoni tal-qorti li s-sitwazzjoni li nqalgħet setgħet faċilement tiġi evitata billi jinġieb ir-Registratur tal-Qorti jew anke prokuratur legali fir-residenza ta' Ġanni Bonnici u jaħlef il-kawża hemm, jidher li l-intimati ma jridux jifhmu li Ġanni Bonnici kien għadu kemm ħareġ minn sptar u ma kienx f'posizzjoni li jifhem dak li kien se jintalab li jaħlef. … … …

»Ir-rikorrenti Pauline Bonnici kienet applikat għal *guardianship* fil-mori tal-kawża billi zewġha sa mill-bidu ma kienx jiflaħ u llum il-liġi tipprovdi l-istitut tal-*guardianship* fejn persuna inabbili tiġi rappreżentata minn kustodju fl-affarijiet ċivili tiegħu. … … …

»Fil-fehma tal-esponenit l-ewwel qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex l-att jiġi sanat fis-sens li Pauline Bonnici tidher bħala *guardian* ta' Ġanni Bonnici billi llum dak hu l-uniku mod li bih il-kawża tista' ssir u tkompli. Din il-qorti għalhekk għandha ssalva l-att promutur la darba jekk jitħassar l-att ikollu jsir att ieħor ġdid u identiku dan kontra l-prinċipju stabbilit tal-ekonomija tal-ġudizzju u li l-atti għandhom jiġu salvati u mhux dikjarati nulli.

»… … …

11. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»Illi, preliminarjament, ir-rikors tal-appell odjern huwa *ab initio*, null, irritu u inammissibbli għal diversi raġunijiet, minbarra illi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt għal diversi raġunijiet.

»Illi, kif jirriżulta mill-istess rikors tal-appell, dan qed isir minn "Gianni Bonnici (fil-kwalità tiegħu premessa)". Jiġi umilment sottomess illi f'din il-kawża hemm biss persuna waħda illi qed tintenta din il-kawża f'żewġ kwalitajiet (għalkemm b'mod erroneju) u cioè:-

»i – Pauline *sive* Polly Bonnici, in rappreżentanza ta' John *sive* Ġanni Bonnici, debitament awtorizzata bi prokura datata 3 ta' Frar 2011, u

»ii – Pauline *sive* Polly Bonnici, f'isimha proprju.

»Huwa ċar u manifest, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, illi l-ebda waħda minn dawn l-atturi u *cioè* la Pauline Bonnici bil-mandat illi hija

tippretendi li għandha – u li l-esponenti ġà issottomettiet u l-qorti laqgħet illi dan huwa null u invalidu skont il-liġi għar-rigward ta' dawn il-proċeduri – u lanqas Pauline Bonnici f'isimha proprju ma hija qed tintavola dan l-appell. Huwa ċar u manifest għalhekk illi l-ebda waħda mill-atturi fil-kawża mhu qiegħed jipprova jintavola dan l-appell. Fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, huwa ċar u manifest ukoll illi Gianni Bonnici, illi iddikjara ruħu bħala l-appellant, qed jippretendi li qed jintavola dan l-appell, skont l-istess appell tiegħu, "fil-kwalità tiegħu premess", u allura bl-ebda mod ma Gianni Bonnici qiegħed jgħid illi huwa qiegħed jagħmel xi *appello del terzo*, imma biss, skont hu, illi jidhirlu illi huwa kien diġà għamel il-kawża f'ismu proprju f'xi kwalità illi huwa jsostni illi għamilha, li din ġiet miċħuda fil-"kwalità tiegħu premessa" u għalhekk qed jappella. Bir-rispett kollu dovut, kif jirriżulta mill-atti, imkien ma Gianni Bonnici jintavola l-att promotur ta' din il-kawża f'ismu jew f'xi kwalità oħra, u kienet biss martu illi ippretendiet (b'mod żbaljat) illi għandha dritt tippreżenta din il-kawża bi prokura tiegħu, pretensjoni illi hija legalment infondata kif ġà ġie hekk deċiż.

»Illi, għalhekk, mill-bidunett, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, dan l-appell għandu jiġi respint, *stante* illi appell jista' jsir jew minn xi parti tal-kawża, kif ma sarx għar-raġunijiet premessi, għax ma sarx, la minn Pauline Bonnici fil-kwalità ta' prokuratriċi li tvanta li għandha u l-anqas f'isimha proprju u l-anqas sar minn Gianni Bonnici, bħala *appello del terzo*, għaliex Gianni Bonnici iddikjara fl-istess appell illi qed jagħmilha fil-"kwalità tiegħu premessa" u *cioè* bħala wieħed mis-suppost atturi fl-att promotur ta' din il-kawża. Dan apparti l-fatt illi anke kieku Gianni Bonnici ħolom illi għandu jippreżenta *appello del terzo* f'dan l-istadju, kienet tkun ammissjoni ċara illi huwa ma kienx parti fil-kawża oriġinarjament u għalhekk dan jirrassoda t-teżi tal-esponenti illi Gianni Bonnici mill-bidu nett qatt ma kien parti f'din il-kawża.

»Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, dan l-appell, skont ir-rikors promotur, qed isir minn żewġ digrieti, u *cioè* mid-digriet mogħti mill-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 2017, mid-digriet mogħti mill-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April 2017 u mis-sentenza parzjali mogħtija mill-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 t'April 2017. L-esponenti ser titratta *seriatim* għaliex l-appell interpost huwa mhux biss infondat fil-fatt u fid-dritt, imma addirittura null u invalidu skont il-liġi fir-rigward taż-żewġ digrieti u s-sentenza hekk intentament appellata.

»Illi, dwar l-ewwel digriet, u *cioè* tat-13 ta' Marzu 2017, m'hemmx wisq x'ingħad, hlief illi tali digriet sar l-ewwelnett mingħajr il-permess tal-qorti rikjest *ad validatem ai termini* tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12 tal-liġijiet. Infatti, kif jirriżulta mid-digriet tal-ewwel onorabbli qorti tal-24 t'April 2017, dik il-qorti ċaħdet it-talba għall-appell minn tali digriet. It-tieni huwa ċar u manifest ukoll, illi t-talba magħmula lill-qorti biex isir appell mid-Digriet mogħti fit-13 ta' Marzu 2017, hija manifestament *fuori termine*, ġaladarba l-artikolu 229(3) tal-Kap. 12 tal-liġijiet jistipula espressament illi tali talba għandha ssir u tiġi preżentata fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta l-qorti tagħti d-digriet tagħha fil-miftuħ. Huwa ċar u manifest, mill-atti, illi d-digriet li ngħata fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017 u għalhekk it-talba tas-7 ta' April 2017 biex jintalab permess biex isir appell mid-digriet tat-13 ta' Marzu 2017 hija ġuridika-ment nulla, irrita u inammissibbli.

»Dan, imbagħad, biex ma jingħadx ukoll dak imsemmi mill-esponenti u cioè:

»Illi, kuntrarjament għall-impressjoni illi tipprova tingħata fir-rikors tal-appell, is-sostituzzjoni u t-tibdil mitlub ibiddel fis-sostanza l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti. Hija l-fehma soda tal-konvenuti, infatti, illi John Bonnici ma ġiex ritwalment imdaħħal bħala parti f'din il-kawża u huwa ma jistax joqgħod fil-ġudizzju, *tramite* mandatarju, ġaladarba huwa, fid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, kien jinsab hawn Malta, u għalhekk, skont l-artikolu 1866 tal-Kap. 16 tal-liġijiet, l-ebda mandatarju ma' jista' jirrappreżentah fl-atti ġudizzjarji.

»Illi tajjeb li jingħad illi skont il-ġurisprudenza tagħna r-ritwalità u n-nullità tal-persuni kif indikati fl-okkju tal-kawża ġiet meqjusa bħala materja ta' sostanza li l-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċeduri tagħna ma jippermettix għalhekk il-bidliet tagħha, ġaladarba tali bidliet, skont il-limitazzjonijiet magħmula fl-artikolu 175(1), ikunu qed ibiddlu fis-sostanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża. L-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sede tagħha kostituzzjonali, fil-kawża Dottor Henry Vassallo *v.* Onorevoli Prim Ministru deċiża fid-9 ta' Ottubru 2001, infatti iddeċidiet illi:

> »"il-qorti tqis illi meta l-artikolu 175 jitabbilixxi bħala limitu l-azzjoni "fis-sostanza" ikun qiegħed ifisser ukoll dik iċ-ċirkostanza fejn l-azzjoni hija irrita għax miġjuba b'att li mhux xieraq skont il-liġi."

»Imbagħad, b'mod forsi aktar identiku għall-każ in diżamina, l-esponenti tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din l-onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-28 ta' Jannar 2008, fl-ismijiet Edmond Barbara *v.* Issa Isslam Tawfik Issa fejn ġie ritenut:-

> »"kif kellha okkażjoni tosserva reċentement hafna din il-qorti "l-ommessa jew ineżatta indikazzjoni tal-partijiet jew ta' wħud minnhom tipproduċi nullità tas-sentenza nnifsiha in kwantu turi li l-kontradittorju mhux regolarment kostitwit, jew għall-anqas tiġġenera inċetezza dwar is-suġġetti in kawża għal liema d-deċiżjoni tirreferi' (Dylan Mallia *v. Bargain Holidays* – appell mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, 31 ta' Ottubru 2007). F'dak il-każ *si trattava* ta' ommissjoni tal-kjamati in kawża fl-okkju tas-sentenza. Hawnhekk, *invece*, teżisti qagħda fejn isem l-intimat hu għal kollox differenti minn dak tas-soċjeta li fil-konfront tagħha ġew inizjati l-proċeduri. Kif paċifikment ritenut, 'dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-deċiżjoni li l-partijiet jiġu effettivament identifikati' (Louise Ann Sultsna *v.* il-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp u l-Awtorita tal-Ippjanar – Appell, 14 t'April 1997). U ladarba dan hu hekk, 'sentenza li fiha l-indikazzjoni ta' isem ta' waħda mill-partijiet żbaljata fl-identità ta' dik il-persuna indikata hazin, hi nulla (Kollez. Vol XXXVI P. I p. 200 u Vol, XLI P. II p.1055)."

»Hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti illi mill-bidu nett fil-kawża odjerna John Bonnici ma ġiex ritwalment indikat bħala attur fl-atti u dan jimporta n-nullità, liema nullità ma hiex sanabbli bis-sempliċi talba għas-sostituzzjoni *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-liġijiet.

»Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, anke l-appell mid-digriet mogħti mill-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April 2017 u moqri fil-5 t'April 2017 huwa null u invalidu u dan għas-sempliċi raġuni, illi, l-ewwelnett u qabel kollox, it-talba biex isir appell mill-istess

digriet ġiet miċħuda b'digriet tal-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 t'April 2017. Huwa ċar u manifest illi ma jista' jsir ebda appell mingħajr tali permess, skont l-artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet.

»Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, però, anke kieku għall-grazzja tal-argument kellu jingħad illi kien hemm xi aditu għal dak illi qed jipprova jsostni l-appellant … l-ewwelnett huwa l-fatt inkontestat illi fiż-żmien tal-preżentata tal-kawża Ġanni Bonnici kien jinsab Malta. Iżda minkejja dan il-fatt il-kawża *de quo* ġiet preżentata minn martu Polly Bonnici – azzjoni li hija proċeduralment nulla u dan *ai termini* tal-artikolu 1866 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Illi matul il-kawża quddiem l-ewwel onorabbli qorti l-attriċi stqarret diversi drabi li Ġanni Bonnici ma setax jaħlef l-istess rikors ġuramentat fl-ismijiet hawn fuq imsemmija peress li huwa ma setax joħroġ minn daru. Ġie wkoll implikat illi l-konvenuti ma fehmhux dan l-istat ta' fatt jew aħjar ippretendew illi Ġanni Bonnici jitlaq minn daru marid sabiex jippreżenta tali kawża jekk kellu interess. Xejn minn dan m'huwa minnu. Dan għaliex, kif inhuwa ben saput, din il-kwistjoni setgħet faċilment ġiet evitata li kieku nġieb ir-Reġistratur tal-Qrati jew anke prokuratur legali fir-residenza ta' Ġanni Bonnici, fejn hu seta' jaħlef tali kawża, li allegatament jaf għaliex qed issir, mill-kumdità tar-residenza tiegħu. Għalhekk is-sottomissjoni tal-attriċi li bħallikieku Ġanni Bonnici ma kellux opzjonijiet oħra ħlief li joħroġ minn daru biex jaħlef tali kawża hija bla ebda bażi fattwali u legali u għalhekk ma tikkonforta b'ebda mod it-teżi attriċi/

»Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti jixtiequ jittrattaw l-unika sentenza ċitata mill-attriċi sabiex tirribatti l-ewwel eċċezzjoni, ta' natura preliminari, tal-esponenti u *cioe*: <u>Mary D'Anastasi *v.* John Micallef għan-nom ta' *Bastille Malta Trustees Limited* (C – 25994) u Charles Vella Rapa</u> (rik. nru. 9/2017 JRM), deċiża fit-2 ta' Frar 2017. Rigward din is-sentenza l-esponenti jgħidu li din hija deċiżjoni mogħtija fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni u għaldaqstant, kif inhuwa ben saput, hija deċiżjoni li ttieħdet biss a bażi *prima facie*. Illi fil-waqt li jaqblu ma' dak li qalet l-attriċi li f'dik il-kawża ċitata dik l-onorabbli qorti ddeċidiet li ssalva l-atti, l-esponenti ma jaqblux li fil-kawża in diżamina qed tiġi mressqa l-istess sitwazzjoni. Il-fatt illi f'dak il-każ kien qed jiġi deċiż biss il-mandat ta' inibizzjoni u mhux sentenza finali jimporta illi l-mandat kien qed jiġi deċiż biss a bażi *prima facie* u għalhekk il-qorti ma kellhiex opportunità tisma' provi u tivverifika jekk tali eċċezzjoni kinitx timmerita li tintlaqa' jew le. Fil-fatt din l-onorabbli qorti stqarret is-segwenti:

> »"Tqis għalhekk li r-rikorrenti seħħilha turi b'mod tajjeb biżżejjed li hija għandha jedd mad-daqqa t'għajn li jixraqlu l-ħarsien mitlub bil-ħruġ tal-mandat."

»Illi *di più* f'dik il-kawża l-att ġie salvat biss peress li dik l-onorabbli qorti kienet preżentata bix-xenarju li jekk tali mandat ta' inibizzjoni ma jintlaqax, l-eżerċizzju ta' tali dritt kien se jintlief għal dejjem. Għalhekk meta ntlaqa' dak il-mandat il-qorti ma kinitx qed tagħti d-deċiżjoni finali tagħha, iżda biss tippreserva dritt li mad-daqqa t'għajn kien jeżisti. Di fatti dik l-onorabbli qorti stqarret:

> »"Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak ma tintlaqax ikun

> ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-mandat."

»Għalhekk l-esponenti umilment jissottomettu illi dan il-pronunzjament ma japplikax għall-każ *de quo*.

Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, tapplika wisq iktar għall-kawża in diżamina s-sentenza fl-ismijiet, Vincent Cuschieri Limited v. Korporazzjoni Enemalta u permezz ta' nota tas-27 ta' Jannar 2015 is-soċjetà *Enemalta p.l.c.* (C – 65836) assumiet l-atti tal-kawża minflok l-imsemmija Korporazzjoni Enemalta; u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (ċitazz. numru 2604/1999/2 JRM, deċiża fit-2 ta' Frar 2017.

»Illi f'din is-sentenza l-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet is-segwenti:

> »"Illi l-liġi tfisser il-mandat bħala l-kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha. Il-mandatarju jista', bis-setgħa mogħtija mill-mandant, ikun konvenut f'ismu, f'kawżi illi għandhom x'jaqsmu mal-affari li tidħol fil-mandat, iżda ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, f'isem tal-mandant, anke jekk dan ikun tah dik is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir;
>
> »"Illi minn dawn id-disposizzjonijiet joħroġ illi s-sottomissjoni ta' KSI hija mistħoqqa, u għaldaqstant l-eċċezzjonijiet imressqa minnha għandhom jintlaqgħu u l-qorti sejra teħlisha mill-osservanza tal-ġudizzju."

»Illi l-esponenti umilment jissottomettu illi hawnhekk dik l-onorabbli qorti stqarret biċ-ċar illi meta persuna tkun tinsab Malta, ma jistax il-mandatarju tagħha jippreżenta kawża f'isimha, u din *del resto* hija stqarrija skont dak li tipprovdi l-liġi nostrana.

»Għaldaqstant *applicando* dan il-prinċipju u d-*decide* ta' dik is-sentenza għall-kawża in diżamina, jidher biċ-ċar illi il-kawża in diżamina għandha difett proċedurali u għalhekk hija nulla.

»Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, l-esponenti għandhom is-segwenti tliet punti x'jagħmlu rigward l-invokazzjoni tal-*jus superveniens* u rigward il-famuż *guardianship order* li b'sorpriża għal kulħadd ġie introdott fl-atti f'nofs it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti:

»Illi l-ewwelnett fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017 il-partijiet iddikjaraw illi m'għandhomx iktar provi xi jressqu rigward l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti. Illi għalhekk rigward d-deċiżjoni tal-*guardianship Board* annessa man-nota ta' sottomissjonijiet attriċi, l-esponenti jgħidu li f'dan l-istadju hija prova inammissibbli. *Di più*, skond il-*website* tal-istess *guardianship Board* [1] applikazzjoni għall-*guardianship* tinstema' fi żmien tletin (30) ġurnata u sussegwentement għad-data tas-smigħ tingħata deċiżjoni fi żmien raġonevoli. Dan ifissier li l-applikazzjoni numru 017/2017 kwotata fid-deċiżjoni tal-14 ta' Marzu 2017 kellha miżerjament tiġi preżentata lill-*guardianship Board* fix-xahar ta' Frar 2017. Għalhekk l-attriċi kienet f'posizzjoni illi jekk verament kien hemm

---

1 http://activeageing.gov.mt/guardianship/Pages/FAQ.aspx

dan il-bżonn, tgħarraf lill-din l-onorabbli qorti b'dan qabel l-għeluq tal-provi. Ovvjament l-attriċi għażlet li dan ma tagħmlux u fil-fatt, minflok issottolineat dan il-bżonn, iddeċidiet li tippreżenta rikors biex tbiddel l-okkju a bażi tas-sitwazzjoni li Ġanni Bonnici seta' joqgħod fil-ġudizzju waħdu mingħajr ebda assistenza legali.

»Illi *di più* meta l-attriċi ppreżentat ir-rikors tat-28 ta' Frar 2017 biex tbiddel l-okkju fil-format minnha mixtieq, kieku intlaqa', kien ser ikun Ġanni Bonnici fil-kwalità tiegħu personali li jressaq il-kawża in diżamina. Din hija pjuttost sitwazzjoni sbalordittiva. Dan għaliex allura, fl-istess żmien li l-attriċi kienet qed tipprova tbiddel l-okkju sabiex il-kawża tiġi preżentata f'isem Ġanni Bonnici u għalhekk, skont hi, kellu l-kapaċità mentali li jippromuovi tali azzjoni waħdu, kienet ġà ippreżentat applikazzjoni sabiex jiġi appuntat *guardian* għall-istess Ġanni Bonnici għax ma kienx fi stat mentali li jippromuovi tali kawża hu stess. L-esponenti bilfors għalhekk ikollhom jistaqsu "Dawn x'modi huma?" Mela issa wasalna fi stat li lill-qorti turiha ħaġa u minn wara dahar l-istess qorti tkun qed taħmi xi ħaġa oħra li hija legalment u fattwalment inkompatibbli? Dan huwa aġir li jistħoqq jiġu trattati bih il-Qrati tal-Ġustizzja ta' pajjiż demokratiku jew huwa aġir rażenti minnu innifsu d-disprezz lejn l-awtorità tal-qorti? U x'ingħidu għall-prinċipju legali li jekk trid l-għajnuna tal-qorti "*you have to go to court with your hands clean*?" Possibbili li l-attriċi ma tindunax li sa issa f'din il-kawża biddlet il-posizzjoni tagħha darbtejn? Bdiet il-kawża bħala prokuratriċi (proċeduralment b'mod irritu u monk), meta rat li it-triq li qabdet kienet legalment żbaljata ipprovat titlob korrezzjoni fl-okkju meta l-liġi dan ma tippermettihx u mbagħad bħala l-aħħar trovata, biex tipprova issalva l-atti, filwaqt li għaddej ir-rikors għall-korrezzjoni, titlob lill-*guardianship Board* biex jinabilita lill-istess persuna li fl-atti ġudizzjarji qed tressqu bħala meħlus minn kull menomazzjoni mentali! U minn jaġixxi mal-qrati b'dan il-mod jistħoqqlu l-aditu u l-għajnuna tal-istess qrati?

»Illi dak però illi huwa verament perikoluż u ta' dispjaċir li l-esponenti tinnota, huwa il-mod kif l-appellant jipprova jitratta lil din l-onorabbli qorti meta jgħidilha, *a foll.* 12 u 13 tal-proċess, illi huwa b'xi mod huwa kien qatt informa lill-ewwel onorabbli qorti illi kien ser japplika għall-*guardianship*. Dan huwa imnizzel fl-ewwel paragrafu *a fol.* 13 tal-appell tiegħu, u jirrispekkja l-inveritjier assolut u sfaċċat tal-appellanti,

»Illi, bir-rispett kollu dovut, dan mhu xejn mod kif parti taġixxi quddiem il-qorti, u partikolarment quddiem din l-onorabbli Qorti tal-Appell, billi tipprospetta quddiemha fatti illi ma eżistewx, u *cioè* illi b'xi mod xi ħadd kien informa lill-ewwel onorabbli qorti illi kien ser jsir rikors quddiem il-*guardianship Board pendente lite*.

»Illi, kif din l-onorabbli qorti tgħallem lil kulħadd, *quod non est in actis non est in mundo* u ma jirriżulta mkien fl-atti illi tali informazzjoni ngħatat lill-qorti. Dak li jirriżulta *invece* huwa dak imsemmi aktar 'il fuq u *cioè* illi sakemm din l-onorabbli qorti kienet qed tipprova tittratta l-ewwel eċċezzjoni, ġie intentat pjan mill-appellanti, mingħaliha, tip-prova tissanna il-posizzjoni tagħha, pjan illi ma kellu l-ebda suċċess.

»Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti hawnhekk jagħmlu referenza għas-sentenza kwotata mill-attriċi u *ċioè* Charmaine Degiorgio *v.* Joseph Saré (fl-atti tas-*sub hasta* numru 94/2011), deċiża fis-27 ta' Jannar 2016. F'dik id-deċiżjoni l-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li tiċħad l-applikażzjoni tal-*jus super-*

*veniens* peress illi kien hemm aċċettazzjoni min-naħa tal-attriċi, li kienet qed tinvokaha, illi l-HSBC kienet kreditriċi tal-konvenut f'dik il-kawża Joseph Saré.

»Hawnhekk l-esponenti umilment jissottomettu illi fil-kawża in diżamina, meta l-attriċi ddeċidiet li tippreżenta r-rikors tagħha tat-28 ta' Frar 2017 sabiex tbiddel l-okkju ta' din il-kawża, din kienet indikazzjoni ċara li hi stess kienet irrealizzat illi l-kawża fl-ismijiet hawn fuq imsemmija ma kinitx imressqa skont il-proċedura li tesiġi l-liġi u l-ġurisprudenza nostrana. Għalhekk jidher li tali akkwiexxenza min-naħa tal-attriċi li hemm żball fl-okkju, skont il-prinċipju segwit fis-sentenza ċitata mill-attriċi stess, juri li issa ma tistax issa tipprova tissana dak li hi stess aċċettat li huwa null.

»Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti jgħaddu biex jagħtu titwila lejn is-sentenza l-oħra ċitata` mill-attriċi u cioè <u>Carmelo *sive* Charles Farrugia *v.* Michael Camenzuli *et*</u>, citazz. numru 570/2009 JA, deċiża fit-28 ta' Frar 2011 li ċċitat is-sentenza, <u>George Zahra *v.* Carmelo Chircop</u>, deċiża mill-onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar 1960, sentenza din ta' l-aħħar li ġiet ukoll kwotata mill-attriċi. F'din is-sentenza, u *cioè* <u>Zahra *v.* Chircop</u>, kien hemm sitwazzjoni totalment differenti għall-kawża in diżamina, u dan peress illi ġie applikat il-prinċipju ta' *jus superveniens* minħabba fattur estraneu għaċ-ċirkostanzi tal-istess attur f'dik il-kawża. Di fatti hemm-hekk kien hemm sitwazzjoni ta' ordni ta' rekwiżizzjoni li ġiet irtirtata fil-mori tal-kawża u għalhekk l-ostakolu li kien hemm ġie sorvolat. Din allura ma kinitx xi azzjoni mibdija min-naħa tal-attur f'dik il-kawża biex isalva l-kawża tiegħu stess iżda pjuttost azzjoni estranea għaċ-ċirkostanzi tiegħu. Dan wisq għad-differenza għall-kawża in diżamina fejn l-attriċi pruvat mhux darba iżda darbtejn issalva atti tagħha stess li huma nulli b'azzjoni *de proprio*. Tali azzjoni min-naħa tal-attriċi ma tinkwadrax fil-ħsieb li kellha din l-onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża <u>Zahra *v.* Chircop</u> meta ddeċidiet li tapplika l-*jus superveniens*. Fil-fatt din l-onorabbli qorti ddeċidiet:

> »"Din il-Qorti jidhrilha illi din id-dottrina tista' tiġi applikata fil-każ preżenti, L-ostakolu għall-eżerċizzju tad-drittijiet pretiżi mill-attur bħala sid tal-fond in kwistjoni kien jikkonsisti fl-eżistenza ta' rekwiżizzjoni, ostakolu kompletament estraneu għall-istess drittijiet;"

»Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti umilment tissottmetti li huwa ċertament interessanti kif d-deċiżjoni tal-*guardianship Board* biex tiġi appuntata Polly Bonnici bħala kustode ta' Ġanni Bonnici wara l-applikazzjoni numru 017/2017 ingħatat fl-14 ta' Marzu 2017 u *cioè* proprju l-għada ta' meta din l-onorabbli qorti tat id-digriet li bih iddeċidiet li tiċħad it-talba tal-attriċi biex jinbidel l-okkju. Rigward din il-materja l-esponenti ma jixtiqux jikkummentaw fit-tul iżda biss jistrieħu fuq dak li ddeċidiet l-onorabbli Qorti tal-Appell, fuq din il-linja, fis-sentenza fl-ismijiet, <u>Carmelo Attard *v.* Joseph Sammut f'ismu proprju, għan-nom ta' *Samvel Limited* u għan-nom ta' *Kulis Company Limited*; Godfrey Camilleri, Joseph Attard, Lawrence Attard, Joseph Tanti u Terence Patrick Walsh</u>, appell ċivili numru 1354/1993/1, deċiża fl-10 ta' Ottubru 2003:

> »"L-attur iżda qed isostni li huwa ssana l-posizzjoni tiegħu meta ġie pubblikat l-att korrettorju tad-9 ta' Jannar 2003 fejn ġie dikjarat li ma kinetx l-intenzjoni tal-partijiet fil-kuntratt tal-5 ta' Ottubru 1995 li jsir trasferiment tad-dritt litiġjuż biex b'hekk 'l-eżitu tal-imsemmija kawżi (*cioè* l-kawża odjerna) kellu jibqa' a favur l-komparenti Carmelo Attard'. B'hekk, skond l-attur, għandhom japplikaw ir-regoli tal-*jus superveniens* ġaladarba hemm effett rettroattiv tal-kuntratt korrettorju. Din il-qorti tosserva fir-rigward li, kif sewwa osserva l-konvenut Sammut fin-nota responsiva tiegħu, 'li l-atti korrettorji għandhom iservu sabiex jiġu korretti żbalji ġenwini f'atti pubbliċi u m'għandhomx iservu bħala għodda għall-opportuniżmu tattiku'. Il-fatt li l-att korrettorju ġie pubblikat wara li tqajmet l-eċċezzjoni in kwistjoni u dakinhar stess li l-attur talab żmien 'biex ikun jista' jivverifika l-affarijiet u sabiex … jirregola ruħu' huwa indikattiv li l-att korrettorju ma kienx motivat minn żball fl-att oriġinali iżda sempliċement sabiex l-attur jipprova jilqa' għall-istat ta' illegalità f'dawn il-proċeduri sollevata mill-kontro-parti.
>
> »"It-teorija tal-*jus superveniens*, skond il-ġurisprudenza (*vide* sentenza tal-onor. Qorti tal-Appell 12.06.1953 *in re* <u>Paolo Schembri *vs* Rosina Bonnici *et*</u>) hija applikabbli meta l-obbligazzjoni li tkun il-bażi ta' l-azzjoni tkun sospiża b'kondizzjoni jew terminu, u din il-kondizzjoni tavvera ruħha, jew it-terminu jagħlaq, waqt il-kawża. Fil-każ in eżami ma kienet teżisti ebda kondizzjoni jew terminu li kienet tissospendi l-azzjoni *de quo* iżda l-karenza ta' interess ġuridiku fl-attur appellant kienet riżultat dirett tal-aġir tal-istess attur li, fil-mori tal-proċeduri, ddeċida li jittrasferixxi l-art li fuqha kien qed jaġixxi kontra l-konvenuti."

»Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, *dato ma non concesso* li għandu jkun hemm xi eventwalità li fiha jiġi applikat il-prinċipju ta' *jus superveniens* u għalhekk jiġu regolarizzati l-atti biex jirreflettu l-*guardianship order* annessa man-nota ta' sottomissjonijet tal-attriċi, dan xorta ma jkun jiġġova xejn it-teżi tal-attriċi rigward l-ewwel eċċezzjoni tal-esponenti.

»Dan għaliex f'kull eventwalità l-artikolu 180 tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta, fl-ebda stadju ma jsemmi lill-kustode bħala dik il-persuna li tista' tippreżenta proċeduri legali flok persuna oħra.

»*Di più* jekk wieħed jagħti titwila lejn il-liġi tal-kustodja introdotta fil-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-liġijiet, jikkorrobora l-fatt illi kustode ma jistax jirrappreżenta persuna oħra fi proċeduri legali sakemm ma jkunx ġie espressament hekk awtorizzat bħala wieħed mill-poteri mogħtija minn dak il-bord. Dwar dan l-esponenti jgħidu is-segwenti:

»L-artikolu 188A(1) tal-Kodiċi Ċivili *inter alia* jgħid:

> »"u minkejja l-imsemmija disposizzjonijiet tas-Subtitolu II fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni, sa fejn dan ikun possibbli, il-ġenituri ta' persuna b'diżabilità tal-età b'diżordni mentali jew b'kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, għandhom ifittxu l-ewwel li jqiegħdu lill-persuna b'diżabilità taħt kustodja qabel ma jfittxu l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni tal-istess persuna."

»Illi kif inhuwa ben saput, huwa f'każ ta' interdizzjoni li l-kuratur ikollu l-poter li jippreżenta proċeduri legali f'isem l-interdett, iżda anke f'dan il-każ il-kuratur ikollu jitlob permess f'dan is-sens, permezz ta' rikors, lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja). Il-liġi hawn fuq ċitata

tinkwadra l-kustodja bħala miżura iktar leġġera meta konfrontata mal-interdizzjoni. Għalhekk huwa inverosimili li l-kustodju minkejja kollox jista' qatt ikollu l-poter li jirrappreżenta persuna oħra f'kawża.

»L-artikolu 188B(*b*) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li l-kustodju għandu:

> »"jaġixxi minflok il-persuna li tagħha jkun ġie maħtur bħala kustodju f'materji ta' natura personali jew ta' proprjetà matul dak il-perjodu li fih dik il-persuna hi kunsidrata bħala mhux kapaċi li teżegwixxi xi att wieħed jew aktar tal-ħajja ċivili kif speċifikat fl-Ordni dwar il-Kustodja;"

»Illi l-esponenti umilment jissottomettu illi l-artikolu hawnhekk ċitat jindika kjarament illi jekk għandu jkun eżeġwit xi att tal-ħajja ċivili mill-kustode dan irid ikun speċifikat fl-ordni dwar il-kustodju. Issa jekk wieħed jagħti titwila lejn l-ordni dwar il-kustodju annessa mill-attriċi man-nota ta' sottomissjonijet tagħha jinnota li hemm miktub biss is-segwenti:

> »"The guardianship Board appoints Pauline Bonnici, holder of identity card number 1004444M as guardian to assist Giovanni Bonnici in all acts of civil life."

»Tali ordni iktar minn ebda ħaġa oħra hija ġenerika iktar milli speċifika. Fil-fatt tirrefletti biss l-kliem użat fil-liġi hawn fuq ċitata. *Dato ma non concesso* li l-*guardianship Board* għandu l-poter li jikkonċedi lill-kustodju s-setgħa li jirrappreżenta persuna oħra f'kawża, loġikament isegwi illi li kieku l-bord ried jikkonċedi l-poter lil Pauline Bonnici tidher fil-kawża fl-ismijet hawn fuq imsemmija f'isem żewġha Ġanni Bonnici, dan il-poter il-bord kellu jispeċifikah fil-*guardianship order*, kif *del resto* tispeċifika l-liġi relattiva.

»L-artikolu 188C(2)(*a*) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li:

> »"Fl-eżerċizzju tal-obbliġi tiegħu l-kustodju għandu jaġixxi fl-aħjar interessi tal-persuna soġġetta għall-kustodja u għandu:
>
> »"jieħu l-miżuri xierqa biex jipprovdi l-appoġġ li l-persuna soġġetta għal kustodja tista' teħtieġ fl-eżerċizzju tagħha stess tal-kapaċità legali safejn dan ikun possibbli;'

»Illi rigward dan l-artikolu l-esponenti jagħmlu żewġ sottomissjonijiet fil-qosor. L-ewwelnett din il-liġi hawnhekk tgħid biss illi l-kustodju għandu joffri appoġġ f'materji ta' natura legali lill-kustodit. *Di più* dan huwa rifless fil-*guardianship order* hawn fuq imsemmi li fih l-bord offra biss dak li seta' proprju assistenza jew appoġġ (*to assist*). L-assistenza ma tekwivalix għar-rappreżentanza.

»*In vista* ta' din l-aħħar punt, l-esponenti umilment jissottomettu illi dan ifisser li din l-emenda li qed titlob l-attriċi hija ukoll legalment *oltre* il-poteri li għandha l-istess attriċi Pauline Bonnici. Hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti li l-istess Pauline Bonnici l-aktar li jista jkollha poteri hija li "tassisti" lill-żewġha fil-materji ta' ordinarja amministrazzjoni; tassisti ifisser fit-termini legali "taġixxi flimkien ma'" bħal fil-każ ta' inkapaċitazzjoni u allura anke hawn la Ġanni Bonnici mhux fil-kawża l-attriċi ma tistax "tassistih"; *Invece* dak li qed tipprospetta l-attriċi hija li bl-ordni tal-*guardianship Board* hija tipprova "tirrappreżenta" lil żewġha – mela issa aktar viċin il-poteri li wieħed jassoċja ma' "interdizzjoni" u mhux assistenza *in via* ta' "inkapaċità"; *di più* anke li kieku il-poteri tal-attriċi kienu li "tirrappreżenta" u mhux biss li "tassisti" kif inhu f'dan il-każ, hija biex tintavola kawża trid titlob

permess speċifiku mill-bord stante li tali intavolar ta' kawża jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarju.

»Illi, subordinatament u mingħajr ebda pregudizzju, imbagħad, l-appell intavolat fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 t'April 2017 huwa ukoll null, irritu u innammissibbli, *stante* illi kif ġà fuq imsemmi, jew waħda mill-partijiet fil-kawża thoss illi ġiet liberata u allura jista' jsir appell taħt id-dispost tal-artikolu 231(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet, jew sar appell irritu, null u inamissibli minn "Gianni Bonnici (fil-kwalità tiegħu premessa)", illi qatt ma iffigura bl-ebda mod f'dawn l-atti u allura tali appell, *se mai* u *in subsidium* jista' biss jiġi kwalifikat *appello del terzo* li kjarament jista jsir biss wara s-sentenza finali.

»Illi huwa ċar u manifest illi jekk Pauline Bonnici bħala prokuratriċi ta' Gianni Bonnici, fil-kwalità kif għoġobha tintavola il-kawża, ma kinitx kuntenta bis-sentenza, kellha tappella f'dik il-kwalità u mhux li jsir appell minn "Gianni Bonnici fil-kwalità tiegħu premessa" kif fuq ingħad. Huwa ċar u manifest ukoll illi ma hemm l-ebda permess tal-ewwel onorabbli qorti, *ai termini* tal-artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-liġijiet, biex Pauline Bonnici, għan-nom ta' Gianni Bonnici, bħala prokuratriċi vantata tiegħu tintavola l-appell u allura dan ukoll huwa null, irritu u inammissibli, ġaladarba ma ngħatax il-permess skont l-aritkolu 231.

»Illi, subordinatametnt u mingħajr ebda preġudizzju, però, huwa ta' dispjaċir għalfejn l-attriċi kellha tirrikorri għal tali proċeduri hekk kopjuži meta huwa ċar u manifest illi ir-risoluzzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tinsab pjenament f'dak illi jipprovdi l-artikolu 1856 tal-Kap. 12 tal-liġijiet. Dan, kif imsemmi fis-sentenza appellata, ġie wkoll rassodat f'diversi numru ta' sentenzi, inkluza dik <u>Vincent Cuschieri *et v. Korporazzjoni Enemalta*</u> deċiza mill-istess onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Frar 2017 u sal-lum l-istat tal-ġurisprudenza bir-rispett kollu għadu dak li hu, u *cioè* illi persuna ma' tistax tirrappreżenta f'kawża persuna oħra li tinsab f'Malta, anke b'allegata prokura. Dan huwa prinċipju ta' ordni pubbliku u bir-rispett kollu dovut, sa issa, l-attriċi *nomine et proprio*, irnexxielha ittawwal din il-kawża inutilment għal numru twil ta' zmien, għas-sempliċi raġuni illi ġie deċiz favur tagħha mandat kawtelatorju *prima facie* illi jżomm lill-esponenti milli b'xi mod jagħmlu dak li għandhom dritt jagħmlu bi ħwejjiġhom, dejjem fil-parametri tal-liġi.

»Għaldaqstant, l-esponenti umilment jissottomettu illi l-appell odjern għandu jiġi miċħud *in toto*, bl-ispejjeż kontra l-appellant.«

12. Il-qorti sejra tqis qabel xejn l-eċċezzjonijiet ta' nullità mressqa mill-konvenuti fit-tweġiba għar-rikors tal-appell.

13. L-ewwel eċċezzjoni tgħid illi l-appell kollu huwa null għax imressaq minn Ġanni Bonnici "fil-kwalità tiegħu premessa".

14. Din l-eċċezzjoni hija fiergħa.

15. Il-kliem "fil-kwalità tiegħu premessa" ma jżid u ma jnaqqas xejn mill-identità tal-atturi f'din il-kawża. Ġanni Bonnici, għalkemm jingħad illi qiegħda tidher għalih martu bħala mandatarja, huwa wieħed mill-atturi u l-appell sar minn Ġanni Bonnici *proprio* bħala parti u mhux bħala terz appellant. Il-kwalità li fiha hu rappreżentat f'din il-kawża hija dik tiegħu personali. Il-kliem "fil-kwalità tiegħu premessa" ma jibdel xejn minn dan; l-iżjed li jista' jingħad huwa illi huwa kliem żejjed li ma kellux jitniżżel iżda ma jwassal għal ebda nullità. Li kieku l-kliem żejjed fl-atti jwassal għal nullità … … …

16. Dwar l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell mid-dikriet tat-13 ta' Marzu 2017 u minn dak tal-4 ta' April 2017 għax saru mingħajr ma nkiseb il-permess speċjali taħt l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-qorti tosserva illi dak il-permess huwa meħtieġ biss biex l-appell ikun jista' jsir qabel is-sentenza definittiva, u mhux biex jista' jsir flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva. Għaldaqstant huwa wkoll irrelevanti dak li jingħad mill-konvenuti illi "t-talba magħmula lill-qorti biex isir appell mid-dikriet mogħti fit-13 ta' Marzu 2017 hija manifestament *fuori termine*" għax ma saritx fi żmien għaxart ijiem kif irid l-art. 229(3), ladarba l-appell ma sarx bis-saħħa ta' permess speċjali mogħti taħt l-art. 229(3).

17. Is-sentenza tal-5 ta' April 2017 hija sentenza definittiva safejn tolqot lill-attur għax ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju relativament għat-talbiet tal-istess attur, u għalhekk ma kinitx sejra tingħata sentenza oħra fl-ewwel grad dwar dawk it-talbiet. L-attur għalhekk

seta' jappella mid-dikrieti flimkien mal-appell mis-sentenza, kif fil-fatt għamel.

18. L-eċċezzjonijiet ta' nullità huma għalhekk miċħuda.

19. Dwar il-meritu tal-appell mid-dikriet tat-13 ta' Marzu 2017, il-qorti tosserva illi b' dak id-dikriet ġiet miċħuda talba għal bidla fl-*occhio* tal-kawża biex juri illi Ġanni Bonnici kien qiegħed jidher huwa stess f'ismu u mhux tidher għalih martu bħala mandatarja tiegħu. It-talba ġiet miċħuda "peress illi din it-talba qed tbiddel fis-sustanza l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti kontra dak li jrid l-artikolu 175 tal-Kap. 12".

20. L-art. 175 igħid hekk:

> »**175.** (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.«

21. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk eċċezzjoni ta' nullità ta' att tolqotx "fis-sustanza … l-eċċezzjoni *fuq il-meritu* tal-kawża", jew hijiex pjuttost materja ta' proċedura, il-qorti tosserva illi l-eċċezzjoni tgħid test-walment illi "*il-preżentata* ta' din il-kawża, mill-attur Ġanni Bonnici, hija nulla".

22. Il-kwistjoni f'dan l-appell għalhekk hija jekk, fi kliem l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti, "il-preżentata ta' din il-kawża" hijiex nulla. Il-kwistjoni mqanqla bl-eċċezzjoni mela ma hijiex jekk l-attriċi, mart l-

attur, tistax toqgħod fil-kawża f'isem żewġha, iżda jekk il-preżentata tal-att tiswiex.

23. Il-kwistjoni jekk persuna tistax tidher għal oħra f'kawża bis-saħħa ta' mandat hija regolata bl-art. 1866 tal-Kodiċi Ċivili waqt illi l-kwistjoni jekk persuna tistax tippreżenta att f'isem persuna oħra hija regolata bl-art. 180 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-bdil fl-*occhio* mitlub mill-atturi jolqot ir-rappreżentanza tal-attur fil-kawża u mhux il-preżentata tal-att. Għalhekk, jekk tintlaqa' t-talba, din ma hijiex sejra tolqot l-eċċezzjoni – ukoll jekk l-eċċezzjoni b'xi mod titqies li hija fuq il-meritu tal-kawża u mhux fuq proċedura – u ma kien hemm xejn xi jżomm lill-qorti mill-tilqagħha bis-saħħa ta' dak li jgħid u jrid l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

24. Dwar il-meritu tal-appell mid-dikriet tal-4 ta' April 2017 il-qorti tosserva illi, aktar milli kwistjoni ta' *ius superveniens*, li ġara hu illi, waqt li miexja l-kawża quddiem l-ewwel qorti, l-istat tal-attur inbidel għax tqiegħed taħt kustodja b'dan illi l-kustodju ngħata s-setgħa "*to assist Giovanni Bonnici in all acts of civil life*". L-ewwel qorti ċaħdet it-talba biex l-attriċi tibda tidher f'isem żewġha għax "fl-ordni ma hemm speċifikat xejn hlief 'assistenza' li fil-fehma tai-qorti ma tekwivalix għal rappreżentanza f'ġudizzju sakemm ma tkunx intalbet lill-bord jew ingħatat minnu". Dan huwa minnu, iżda b'ordni ieħor tal-14 ta' Mejju 2018 il-Bord dwar il-Kustodja ta lill-attriċi bħala kustodju ta' żewġha s-setgħa wkoll "*to assist and represent Giovanni Bonnici in all acts of civil life*". Il-konvenuti opponew għall-preżentata ta' dan id-dokument

iżda ma wrew ebda raġuni valida għala l-attriċi ma għandhiex titħalla tidher f'isem żewġha, ladarba ngħatat is-setgħa li tagħmel hekk b'seħħ mill-14 ta' Mejju 2018. B'hekk ma jkunx qiegħed jiġi sanat xi nuqqas fil-preżentata tar-rikors maħluf li bih infetħet il-kawża – kif sejjer jintwera fil-konsiderazzjonijiet dwar l-appell mis-sentenza tal-5 ta' April 2017, ma kien hemm ebda nuqqas fil-preżentata – għax dan l-iżvilupp jolqot ir-rappreżentanza tal-attur wara l-14 ta' Mejju 2018 u mhux il-preżentata tar-rikors.

25. Il-qorti għalhekk sejra tipprovdi dwar l-appell tal-atturi mid-dikrieti billi, wara l-tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' nullità, tilqa' t-talba għall-korrezzjoni tal-*occhio* u biex l-attriċi tassumi l-atti f'isem żewġha bħala kustodju tiegħu.

26. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-meritu tal-appell mis-sentenza tal-5 ta' April 2017 dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.

27. Kif ġà ngħad fuq, il-kwistjoni mqanqla bl-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti hija jekk "il-preżentata ta' din il-kawża" hijiex nulla. Il-kwistjoni mela ma hijiex jekk l-attriċi, mart l-attur, tistax toqgħod fil-kawża f'isem żewġha, iżda jekk il-preżentata tal-att tiswiex.

28. Dwar preżentata ta' atti, l-art. 180 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> »**180.** (1) … … …, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –
>
> »… … …
>
> »(*d*) minn … wieħed mill-konjuġi, li jkunu għal daqshekk maħtura bħala prokuraturi mill-parti li tidher u li l-firma tagħha hija kontrosenjata skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 634;«

29. L-attriċi hija konjuġi tal-attur – hija martu –, kienet maħtura bi prokura mill-attur, u l-firma tal-attur fuq il-prokura hija kontrosenjata u awtentikata minn nutar pubbliku bħala xhud tal-firma u tal-identità, kif irid l-art. 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

30. Il-preżentata kienet għalhekk tiswa għax magħmula f'isem l-attur minn persuna li għandha dik is-setgħa taħt l-art. 180(1)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

31. L-eċċezzjoni ta' nullità tal-preżentata hija għalhekk ħażina, biex ma ngħidux ukoll fiergħa. Inċidentalment din il-qorti ma tistax ma tikkummentax kif il-konvenuti, li ironikament jakkużaw lill-atturi b'ħela ta' żmien bi proċeduri "kopjużi", kienu huma li ħlew il-ħin tal-qorti b'eċċezzjoni manifestament infondata u kontestazzjoni akkanita dwar kwistjoni li, wara kollox, ma kienet sejra toħloq ebda preġudizzju għalihom, u hekk arenaw il-kawża għal aktar minn sentejn flok, kif kien imisshom għamlu, ikkontestaw il-kawża fuq il-meritu.

32. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi:

    i. tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' nullità tal-appell;

    ii. tipprovdi dwar l-appell mid-dikrieti billi tilqa' t-talba għall-korrezzjoni tal-*occhio* u biex l-attriċi tassumi l-atti f'isem żewġha bħala kustodju tiegħu u tordna illi l-*occhio* tal-kawża fejn hija murija l-parti attriċi għandu jiġi jaqra hekk:

    > »John *sive* Ġanni Bonnici (K.I. 567032M) u Pauline *sive* Polly Bonnici (K.I. 1004444M) għal kull interess li jista' jkollha; u b'dikriet tal-14 ta' Diċembru 2018 Pauline *sive* Polly Bonnici assumiet l-atti f'isem John *sive* Ġanni Bonnici bħala kustodju tiegħu«

iii. tħassar is-sentenza tal-5 ta' April 2018, tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ta' nullità tal-preżentata tar-rikors maħluf u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ;

iv. tordna li l-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, billi kien żball tal-atturi fir-redazzjoni tal-*occhio* li wassal għal dan l-episodju, waqt li l-ispejjeż kollha tal-appell għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr